# Nofsni Mara

Elena Cardona

Bżajt minnek ma nafx min inti
tħares u tqatta' ġewwa fija
b'għajnejk insidjużi
tħaffer ġo ruħi muġugħa
tistabar bid-dmugħ aċiduż.

Ridt naħarbek.
Niġri sakemm jinqatagħli nifsi
mbagħad nieqaf nilheġ fit-tarf tat-triq
fejn inti ma tilħaqnix.

Xtaqt tellajt idejja ma' wiċċek.
Naħfnek minn għonqok
u nagħfas, irross
sakemm inħoss il-pajp tan-nifs
ifaqqa' bejn subgħajja xiplin.

Ġol-ispazju ristrett tal-kamra
fejn saqajja ganġetta, mherrija rogħda
la ġrew u la mxew,
w idejja tqal illuppjati ma ħafnukx,
iltqajt għarwiena miegħek.

B'kuraġġ melankoliku lissintlek
*nofsni mara jiena*
u mill-mera tbissmuli
żewġ raddi fondi
jiddu d-demm.